MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 150/2013/1

**Dr. Deborah Schembri**

**v.**

**Kummissarju Elettorali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ta' Dr. Deborah Schembri minn deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Frar 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi appellanti u ordnat li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u ordnat l-

akkorċjament tat-termini legali għall-appell b'sagħtejn żmien lil kull parti mill-pronunzja tas-sentenza.
**2.** B'rikors tagħha ġuramentat tat-18 ta' Frar 2013 Dr. Deborah Schembri, għar-raġunijiet premessi fir-rikors u dawk kollha li jistgħu jirriżultaw fil-kors tas-smigħ tal-kawża, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, talbet li din il-Qorti tordna lill-Kummissjoni intimata sabiex tniżżel isem ir-rikorrenti bħala "SCHEMBRI (Deborah Schembri, tad-Divorzju)" fuq il-polza tal-votazzjoni għall-Elezzjonijiet Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013, u konsegwentement tindika isimha bħala "Deborah Schembri" fuq kull dokument, ritratt jew letteratura ta' informazzjoni maħruġa mill-istess Kummissjoni intimata; bl-ispejjeż kontra l-Kummissjoni intimata li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

**3.** Fir-rikors tagħha r-rikorrenti appellanti ppremettiet li hija kandidata għall-elezzjonijiet ġenerali li għandhom jinżammu fid-9 ta' Marzu 2013 u li wara li kienet iżżewġet lil Joseph Tabone u kienet iġġib l-isem Deborah Schembri Tabone, b'sentenza tad-9 ta' Lulju 2010, li għaddiet in ġudikat, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-separazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-imsemmi Joseph Tabone u li r-rikorrenti tkun magħrufa b'kunjom xbubitha biss, ċioe` Schembri. Issoktat tippremetti li inoltre, b'digriet tal-istess Qorti tas-6 ta' Ġunju 2012, iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u Joseph Tabone ġie dikjarat xjolt.

**4.** Ir-rikorrenti kompliet tippremetti is-segwenti:
"Illi minkejja li għalhekk illum isem l-esponenti legalment huwa 'Deborah Schembri', hija għadha tidher reġistrata fir-Reġistru Elettorali bħala 'Deborah Schembri Tabone'.

"Illi fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni intimata laqgħet l-applikazzjoni tal-esponenti bħala kandidata għall-elezzjonijiet ġenerali fuq il-ħdax u t-tnax id-distrett, u wkoll li isimha fuq il-polza tal-votazzjoni jiġi indikat bħala 'Schembri Deborah (tad-divorzju)'.

"Illi minkejja dan, il-Kummissjoni intimata iddeċidiet li tniżżel isem l-esponenti fuq il-polza tal-votazzjoni bħala 'SCHEMBRI TABONE (Deborah Schembri Tabone, Tad-

Divorzju)' u wara oġġezzjoni mill-esponenti, fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni intimata informatha li kienet ħadet deċiżjoni finali li isem l-esponenti ma jidhirx kif talbet fil-formula tan-nomina, imma 'SCHEMBRI TABONE (Deborah Schembri, Tad-Divorzju)'.

"Illi d-deċiżjoni hija ta' preġudizzju għall-esponenti billi hija magħrufa mal-pubbliku, u mal-kostitwenti tagħha, bħala 'Deborah Schembri, Tad-Divorzju'.

"Illi skond l-artikolu 49(3) tal-Att dwar l-Elezzjonijet Ġenerali (Kap. 354 tal-Liġijiet ta' Malta), il-polza tal-votazzjoni ta' kull distrett għandu "jkun fiha lista tal-kandidati deskritti bl-isem (inkluż kull laqam), l-indirizz u l-professjoni jew ix-xogħol kif mogħtija fil-polza tan-nomina ta' kull wieħed minnhom u kif approvat mill-Kummissjoni Elettorali."

"Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni legali għaliex l-esponenti m'għandhiex tiġi indikata bl-isem korrett tagħha fil-polza tal-votazzjoni kif ġa indikat minnha, u aċċettat mill-Kummissjoni intimata, fil-formola tan-nomina."

**5.** Fir-risposta ġuramentata tagħha tat-18 ta' Frar 2013 il-Kummissjoni Elettorali ma kkontestatx il-fatti esposti fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ħlief li:

(a) inkwantu għall-fatti li ma kinux magħrufa lilha u ċioe` riferibilment għas-separazzjoni ġudizzjarja tal-partijiet u x-xoljiment taż-żwieġ tagħhom rrimettew ruħhom għall-provi dokumentali;

(b) dwar l-isem legali tal-attriċi irrimettew ruħhom għall-provi dokumentali;
(ċ) issottomettew li għalkemm huwa minnu li l-Kummissjoni laqgħet in-nomina tal-attriċi bħala kandidata l-Kummissjoni ma approvatx li fuq il-polza isem il-kandidata jidher bħala Schembri Deborah (tad-divorzju) għalkemm huwa minnhu li fin-nomina l-attriċi hekk talbet li isimha jiġi indikat fl-istess polza;

(d) insistew li d-deċiżjoni mehuda mill-Kummissjoni hija skont il-liġi u skont il-prassi kostanti u biex l-attriċi tiġi identifikata mill-pubbliku ppermettiet il-Kummissjoni li l-kliem li riedet l-attriċi jitniżżel b'żieda wara isimha;

(e) u nsistew ulterjorment li l-attriċi bħala kandidata hija marbuta li titniżżel bl-isem li jidher tagħha fir-reġistru elettorali u mhux b'isem ieħor.

**Kunsiderazzjonijiet**

**6.** L-Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li: biex persuna tkun kwalifikata biex tkun eletta bħala membru tal-Kamra tad-Deputati dik il-persuna trid ikollha il-kwalifiki għar-reġistrazzjoni bħala elettur.

**7.** L-Artikolu 49(3) tal-Kap. 354 jipprovdi li:

"Il-polza ta' kull elettur għandha tkun magħmula minn karta bħal fil-formula li tidher fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dan l-Att, li jkun fiha lista tal kandidati deskritti bl-isem (inkluż kull laqam), l-indirizz u l –professjoni jew ix-xoghol kif moghtija fil-polza tan-nomina ta' kull wieħed minnhom u kif approvat mill-Kummissjonarji Elettorali."

Il-polza tal-elettur li tinsab fit-Tmien Skeda mal-Att imsemmi turi li taħt il-kolonna "isem tal-Kandidati" għandu jiġi indikat b'ittri grassi l-kunjom tal-kandidat waqt li fil-parentesi maġenb il-kunjom f'ittri grassi kif ingħad għandhom jiġu indikati isem u kunjom u l-indirizz tal-istess kandidat b'ittri normali.

**8.** Skont l-Artikolu 51(1) tal-Kap. 354 il-polza tan-nomina trid tkun skont kif hemm fid-Disa' Skeda mal-Att. Fil-polza tan-nomina riferibilment għall-attriċi l-isem u kunjom tal-persuna li kienet qed tiġi nominata bħala kandidata għall-elezzjoni ġew indikati bħala "DEBORAH SCHEMBRI TABONE". Fil-parti tal-aħħar tal-istess polza, imbagħad isem tad-dikjarant huwa għal darb'oħra indikat bħala "DEBORAH SCHEMBRI TABONE" li kienet qed tiddikjara li kienet qed tagħti l-kunsens tagħha għan-nomina fuq

imsemmija u li isimha fuq il-polza tal-votazzjoni għandu jiġi indikat bħala “SCHEMBRI DEBORAH (tad-divorzju).”

**9.** Ir-rikorrenti tissottometti li hija kkonformat għal kollox ma’ dak rikjest fil-polza ta’ nomina u stante li, kif provdut fil-polza, hija indikat “SCHEMBRI DEBORAH (tad-divorzju)”, bħala “kunjom u isem (inkluż kull laqam)” kif rikjest fl-istess polza allura fil-polza l-kunjom b’ittri grassi taħt il-kolonna intestata “isem tal-Kandidati”, għandu jkun “SCHEMBRI” u mhux “SCHEMBRI TABONE” kif tippretendi l-Kummissjoni anki għaliex isimha skont il-liġi llum, wara s-sentenza ta’ separazzjoni u ta’ xoljiment taż-żwieġ tagħha, huwa “SCHEMBRI” u mhux “SCHEMBRI TABONE”. L-attriċi ssostni li l-polza tal-votazzjoni hija intiża sabiex il-kandidat ikun faċilment u bla possibilita` ta’ konfużjoni identifikabbli mill-votant.

**10.** Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-isem legali tal-attriċi llum huwa Deborah Schembri iżda, min-naħa tagħha, issostni li l-kunjom li għandu jidher fuq il-polza tal-votazzjoni b’ittri grassi jrid neċessarjament ikun il-kunjom li jirriżulta mir-reġistru elettorali jkun xi jkun il-kunjom li jkun legalment jispetta lill-kandidat/a. Tirrileva li r-rikorrenti kellha żmien skont il-liġi elettorali sabiex tikkoreġi d-dettalji tagħha kif jidhru fir-Reġistru Elettorali iżda ma għamlitx użu mill-fakolta` li tagħtiha l-liġi u ma tistax issa tippretendi li kunjomha fuq il-polza tal-votazzjoni jidher indikat b’mod differenti minn kif indikat fir-Reġistru Elettorali, dan kemm biex ikun hemm ċertezza kif ukoll biex ikun hemm kjarezza finali.

**11.** L-attriċi ssostni li fl-ewwel parti tal-polza ta’ nomina l-isem tal-kandidat/a jrid jiġi indikat kif indikat fir-Reġistru Elettorali sabiex turi l-eliġibilita` tal-persuna nominata iżda imbagħad spetta lill-kandidat sabiex fi tmiem il-polza tindika kif għandu jiġi indikat isimha fuq il-polza tal-votazzjoni.

**12.** Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak suġġerit mill-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti l-polza tal-votazzjoni hi intiża li tkun pjenament konformi mal-ordinament legali li jirregola l-elezzjonijiet ġenerali fl-

aspetti kollha tiegħu u li fih ir-Reġistru Elettorali jassumi rwol determinanti u deċiżiv. Ir-Reġistru Elettorali ma hux intiż biss sabiex jidentifika lill-eletturi iżda jservi wkoll sabiex jidentifika f'għajnejn kulħadd il-persuni kwalifikati li jkunu kandidati għall-elezzjoni. Dan huwa konsegwenza inevitabbli ta' dak provdut fl-Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni ġia` ċitat.

**13.** Jkun għal kollox anti-ġuridiku li fil-polza tal-votazzjoni jiġi indikat bħala kandidat persuna li ma tkunx tirriżulta kwalifikata bħala kandidat. Sabiex persuna tkun kwalifikata bħala kandidat trid tkun persuna li isimha u kunjomha jkunu reġistrati fir-Reġistru Elettorali. Huma dawk biss li jistgħu legalment ikunu kandidati għall-elezzjoni u għalhekk isem u kunjom il-kandidat fil-kolonna intestata "Isem tal-Kandidat" iridu jkunu jikkorrispondu ma' l-istess konnotati fir-Reġistru Elettorali. Il-liġi tippermetti ulterjorment l-użu ta' laqam sabiex jippreċiża l-identita` tal-kandidat lill-votant iżda l-konnotati tal-kandidat fil-polza ma jistgħux ma jinkludux il-konnotati tal-istess persuna kif reġistrati fir-Reġistru Elettorali li huma l-konnotati tal-persuna kkwalifikata bħala kandidat. Altrimenti minflok ċertezza u kjarezza jkollna inċertezza u ekwivoċita`.

**DECIDE**

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-21 ta' Frar 2013.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu wkoll bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------